# Ittri ta' John Kitto fil-Malti minn

# DWARDU ZARB

1975.

EAGLE PUBLICATIONS
TORONTO, ONTARIO
CANADA

EDWARD ZARB
614 GALLOWAY CRESCENT
MISSISSAUGA, ONTARIO
L5C 3W1, CANADA

REFERENCE ONLY

21.11

226842

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

*****************

L-ITTRI TA' JOHN KITTO

MINN MALTA ___ 1827.

MIGJUBA FIL-MALTI

MINN

DWARDU ZARB

********************

Fil-20 ta' Gunju, 1827, John Kitto f'Wilberforce, l-Ingliterra, rikeb gifen jismu Blackwall u telaq lejn Malta. Shabu f'dan il-vjagg kienu Dr. Korck, tabib Germaniz li wara sar ministru Anglikan u s-sur Jadovnicki, wiehed Lhudi Pollak li kien ghadu kif wasal fl-Ingliterra mill-Amerka fejn kien student fil-kullegg protestant ta' New Jersey. Dan ta' l-ahhar habat sejjer lejn il-Palestina biex jahdem fost il-Lhud b'risq ic-Church Missionary Society. F'Malta kellu jiltaqa' ma' wiehed jismu Wolff u jsehh triqtu mieghu. Kitto ried jibqa' Malta u jahdem fl-istamperija tac-Church Missionary Society li kienet ghadha kif twaqfet hawn biex jistampa kotba bil-Gharbi, Grieg u Malti.

Ma hemmx ghalfejn insemmu u ngibu dawk l-ittri li Kitto kiteb tul il-vjagg, izda biss nghidu li dan wasal Malta fit-30 ta' Lulju, 1827. Lanqas ma hemm ghalfejn

226842

infissru li dan Kitto hu wiehed mill-akbar kittieba Inglizi ta' dak iz-zmien. Twieled fl-1804 u ghalhekk meta wasal f' Malta kellu biss 23 sena.

LIR-REV. ROBERT LAMPEN M.A.

Valletta, 3 Awissu, 1827.

Dhalna fil-port ta' La Valletta bil-lejl it-Tnejn. Inzilna l-art l-ghada. Billi int bhal issa tixtieq tisma' izjed dwari milli fuq il-Maltin jew il-belt taghhom, nghidlek li s-sur Jowett instab fil-gzira meta ahna nzilna l-art. Ir-Rev. F. Schlienz u s-sur Koellner fittxew jiltaqghu maghna kif wasalna. Dawn gew abbord u ghenuna nnizzlu l-bagalji x-xatt. Merbhuna bi qlubhom miftuha. Kif il-bagalji taghna nizlu l-art dwar tuzzana Maltin qabzu fuqhom biex igorruhom fuq karettun b'zewg roti misjuq mill-baghal. Jien nahseb li tuzzana Inglizi setghu garrew b'dak il-ftehim lil Maltin infushom, lil baghal u l-karettun barra l-bagalji.

F'Malta sa l-ifqar djar huma bini gholi tal-gebel, u l-bicca l-kbira tal-bini, ukoll il-hwienet,ghandhom quddiemhom rixtelli tal-hadid jew gradilji. Ghalhekk xejn ma staghgibt meta s-sur Schlienz waqaf u biex jiftah bieb hareg muftieh kbir wara li sganga u berrah rixtellu tal-hadid. Gieni nahseb li dak l-imkien li dhalna fih kien qabel xi palazz qadim jew habs. U meta flejt dik id-dar dan l-isthajjil ma marlix. Kien hemm tarag wiesa tal-gebel bil-banavostri u fil-qiegh tieghu nstab iljun mindud. Il-kmamar habtu kbar u gholjin; il-ghamla tal-bibien twal u

t-twieqi uriet li dawn tfasslu sekli ilu. Tassew, wara sirt naf li f'dik id-dar darba ghamar Kavalier ta' Malta. Issa, din id-dar ma habtitx imghamra tajjeb, ghalkemm tfasslet biex izzomm friska fi klima shuna. Ghal wiehed bhali li kien ghadu kif wasal mill-Inglitterra dehret xejn komda. Il-kmamar, ukoll dawk ta' fuq, kienu ccangati bil-hagar. Ghalkemm lili din tidhirli dar qadima n-nies tal-belt ma jqisuhix b'hekk. Issa ahna sa mmorru noqghodu f'imkien akbar. Ma konnix ilna wisq li dhalna f'din id-dar xhin wasal is-sur Jowett u tana merhba tassew nisranija. Minn zmien ghal iehor rajna lil Dr. Naudi, dak it-tabib Taljan bosta maghruf fl-Inglitterra u lir-Rev. D. Wilson tal-London Missionary Society. Dawn gew merbhuna meta semghu li konna wasalna. Tassew ferhu bina. Is-sur Jowett ma damx wisq maghna, izda fil-ghaxija rgajna rajnih u kien mas-sinjura tieghu. Dr. Naudi hajjar lis-sur Jadovnicki biex imur joqghod mieghu u ghadni kif ilqajt stedina ghal pranzu fid-dar tas-sur Wilson biex hawn niltaqa' maghhom u ma' xi hbieb ohra. Irrid nizzihajr 'l Alla ghax baghtni f'imkien fejn il-missjunarji protestanti huma maqghuda f' irbati ta' mhabba u hbiberija Kristjana, ghax hawn tassew tinsab il-kesha bejn uhud li jissejhu Kristjani. Issa din hi d-dar tieghi; irrid inhossni f'arti, u dan sakemm wiehed missjunarju f'din in-naha l-ohra tad-dinja jista jsejjah daru dak l-imkien jew art li jghix fiha. Ghax minn dak li rajt f'dan l-imkien, hemm ftit postijiet ohra fid-dinja fejn wiehed missjunarju protestant jista jindiehes b'daqshekk ftit man-nies tal-post bhal ma jkun minnu f'Malta. Hawn il-qassisin Kattolici jghiru ghalina u ghalhekk il-poplu xejn ma jgibna. Izda barra milli ahna protestanti dan xorta wahda ma jingibidx lejna ghax ahna Inglizi. Il-Maltin ma jingibdux lejn l-Inglizi u milli jidher ghadhom jibiltu ghas-sidien qodma taghhom, il-Kavalieri, u dan bhal ma l-Lhud jibilu ghal art imqaddsa u ghal missirijiethom. B'esempju, bicca flus tar-ram imhassra u li fiha ma hemmx metal daqs kemm hemm f'habba Ingliza, tiswa daqs tmien soldi Inglizi. Il-Maltin hekk iqisu l-bicca u hekk jinneguzjaw. Jien ma

nara l-ebda raguni ohra ghal dan hlief li l-flus qodma u mhassra kienu saru fiz-zekka tal-Ordni. Iva, il-Maltin ifittxu jidhku bl-Inglizi kemm jistghu fin-negozju u jridu li dawn ihalsu izjed milli jhallas haddiehor. Din mhix haga sewwa u xierqa. Dawn jiggustifikaw irwiehom billi jghidu li l-Inglizi ghandhom ihalsu ghal gzira u l-belt sabiha taghhom. Jien nifhem li ahna ghandna jedd ghal flusna daqs kemm huma ghandhom jedd li jkunu mhalsa. U ghalkemm ghadni ma nistax nifhem x' jedd ghandna li nkunu f'din il-gzira, inhossni ferhan ghax qeghdin hawn, billi dan hu mkien centrali u mfassal tajjeb biex minnu tinzam il-paci fid-dinja, kif il-gvern Ingliz iqisu xieraq ghal hidmiet militari fi zmien ta' gwerra.

Ghalkemm irrid nghid bosta hwejjeg ohra, ikolli naghlaq din l-ittra. Izda int tara li jien ma hallejtx spazju daqs xelin bla ma ktibt fuqu; u jien ma rridx nikteb ittra b'kitba msalba, bhal ma rridx naqra wahda miktuba hekk minn ohrajn. Hawnhekk il-hidma tal-ufficcju toghgobni hafna, wisq izjed milli sthajjilt. Il-lum jien bdejt ix-xoghol.

LIS-SUR T. JONES ( wiehed mill-istudenti tac-Church Missionary College f'Islington l-Ingliterra. )

Valletta, Malta.

138 Triq Kristoferu,

Ottubru 6, 1827.

......Jien ma naf xejn izjed li jqanqal u jigbed minn xhin dhalna fil-port ta' Malta u rajna l-belt ghall-ewwel darba.

Sthajjel x'garrabna u x'hassejna, wara li konna ilna zmien twil fuq il-gifen u rajna biss in-nies ta' fuqu; konna tajna harsa hafifa lejn Tariffa u Gibilta', u issa f'daqqa wahda sibna rwiehna mdawra mill-lemin u mix-xellug bi djar gholjin li ma jixbhu xejn lil dawk Inglizi; dawn sulew fuq xulxin indana wara l-ohra sal-gholi. Kellhom bixra ta' kastell u ghalxejn tfittex issib bhalhom fl-Ingliterra. Xhin harisna lejn l-ghola bini, u ma stajnix nifhmu ghal x'hiex serva dan, thassibna kif nistghu nitilghu hawn, ghax ma lmahna l-ebda mezz biex bih naslu hemm fuq. Ghidna bhal ma qal l-admiral Tork meta hares lejn dawn l-imkejjen u qal: Dan hu dak l-imkien li dwaru tkellimt ma' Sulejman u ghidtlu li int tista tirbhu malajr? Fis-sehh li l-ebda ajkla ma waqfet il-bejta taghha hekk fil-gholi! Ma tifhimx li l-bnedmin jehtiegu l-gwienah biex jitilghu hemm fuq?... Hekk ahna wkoll hsibna. Izda meta nzilna l-art sibna li l-bnedmin fasslu xi haga ohra biex biha jinqdew qisu gwienah u din hi ndani ta' turgien f'kull triq u minn daqqiet triq minn tarf sa tarf mhix haga ohra hlief turgien. Din il-haga u xi ntietef ohra laqtuni, ghalkemm f'dan il-hin mohhi habat imtaqqal bi hwejjeg ohra.

......Il-moviment missjunarju ta' ghaqdiet Protestanti f'Malta hu msawwar minn hdax il-haddiem: jigifieri hames ministri u tlieta minn dawn ghandhom il-mara maghhom, u tliet stampaturi. Zewg ministri, zewg stampaturi, u mara ta' ministru huma mic-Church Missionary Society. Is-sur Temple u l-istampatur tieghu, is-sur Hullock, huma Amerikani; is-sur Wilson u l-mara tieghu jahbtu Indipendenti; Is-sur Kelling u l-mara tieghu, Metodisti. Ma' dawn ikolna nzidu b'risq din is-socjeta' lis-sinjura Andrews, l-armla ta' stampatur, u dawn b'kollox igibu tnax. Malta bhala centru missjonarju Protestant hu mkien stramb ghax b'att tal-parlament miksub mill-qassisin Kattolici, ahna ma nistghux ikolna x'naqsmu man-nies li nghixu fosthom, ghalkemm jien ma nistx naf bi

Kristjani ohra izjed minn dawn li jehtiegu tassew it-twissijiet u l-pariri tal-Kristjani. Il-ghama tal-mohh, is-superstizjoni u r-ras iebsa ta' dawn huma hwejjeg tal-ghageb. Il-Maltin jobghodu lil missjunarji mill-qiegh ta' rwiehom, kemm il-qassisin u kemm il-poplu, u l-izjed dawk ta' qabel, waqt li hu misthajjel li f' din ic-ckejkna gzira hemm mhux inqas minn ghaxart elef qassisin u patrijiet. Ghalhekk il-hidma taghna ghandha x'taqsam l-aktar mal-istampar biex dan jitqassam fl-artijiet tal-Lvant li jinsabu lil hemm mill-gzira. Int taf li s-socjeta' taghna ghandha missjonijiet fis-Sirja, fil-Grecja u f'imkejjen ohra tal-Mediterran, u li hu dmir taghna li nfornuhom bi trattati fil-Gharbi u fil-Griek, biex dawn jitqassmu fost dawk li jkunu jsiefru. Hawn hu c-centru fejn jiltaqghu l-missjunarji kollha tas-socjeta' taghna fil-Mediterran, u ghalhekk jien nitma li ghalkemm ma nistghux inwetqu ghamejjel ohra fil-hidma missjunarja taghna, ahna strumenti mmedjati fil-qadi u l-kawza ta' Sidna Gesu' Kristu msallab.

LIL HENRY WOOLCOMBE, ESQ.

Malta. Nov. 1, 1827.

......Minnufih nitkellem dwar Malta u nsemmi x'aktar laqatni meta wasalt hawn. Ghodwa wahda fl-ahhar jum ta' Lulju, qajmuni kmieni billi gebduni mill-friex. Harist 'il barra mill-branda biex nara x'inqala u ma rajt lil hadd. Dr. Korck, is-sur Jadovnicki u l-kaptan ma kienux fil-brandi taghhom. Mill-ewwel fehimt li habtet xi bicca tqanqal. Ilbist xi haga u mort taht il-gverta tal-gifen. Hemm instab it-tabib fil-qmis tal-irqad, bil-pappoc f'saqajh, bil-kappel f'rasu u bil-mantel

mixhut u mitluq minn spallejh. Hawn ukoll instab Jadovnicki bil-barnuza tal-irqad f'rasu. U fl-ahhar rajt lil kaptan liebes ufficjali. Tassew, dan kien liebes mirqum izjed minn kif qabel ghax fis-sidrija kellu l-kaxxa kbira tal-fidda bin-niskata, u dan kellu zewg kaxxi tan-niskata, wahda kbira u l-ohra zghira u nqeda b'dik kbira f'xi okkazjoni gholja. Issa dawn kollha hargu taht il-gverta ghax quddiemna minn naha dehret l-Etna u minn naha l-ohra Malta. U nahseb li dehra bhal din hi dik l-akbar wahda li tista tolqot l-ghajn u tghaqqad zewg dehriet f'wahda. Iktarx li l-Etna tigbed lil dawk kollha li jhossuhom imqanqla minn dak li jnissel il-biza', kbir, salvagg, jew tal-ghageb fin-natura. Hemm bosta punti tejoretici, klassici, storici u poetici li ghandhom x'jaqsmu ma' dan il-mungbel. Hekk min jarah ghall-ewwel darba, shih, qieghed fuq sies wiesa, bil-quccata miksija bil-borra, jitqanqal tassew. Dehra bhal din issahhar lil dawk immaginattivi u l-aktar lil dawk li gew apposta biex jarawha. Memmen li ahna rajna lil Etna fid-deher u konna 'l boghod minn 60 sa 100 mil. Biss rajniha ghal ftit hin qabel ma telghat ix-xemx. Qajla qajla dik id-dehra ghebet. Jien ma rajtx izjed lil dan il-mungbel ghalkemm stajt qaghdt ghassa u stennejt il-waqt u l-qaghda li fih seta jidher. Izda Malta baqghat tidher sewwa tul il-bqija tal-jum, sakemm wara li bahharna bosta mili tul ix-xtajta taghha dhalna gewwa l-port dwar it-tminja ta' fil-ghaxija. Ir-rih habat hafif tul il-jum kollu u ghalhekk imxejna bil-qajla u kelli bosta zmien biex fih nimmedita u nifli sewwa dak kollu li rajt. Ghalija Malta habtet imkien li izjed jigbidni mill-Etna, u dan waqt li t-tnejn kienu quddiem ghajnejja. Ahseb ftit: jien hallejt dik art twelidi wisq ahjar biex issa nigi f'din il-gzira. Sthajjel x'hassejt! Fantast li l-ghadam tieghi jista jsib l-ahhar mistrieh tieghu hawn. U hawn ma kelli l-ebda habib li seta jatini merhba u jiehu hsiebi. Ma kontx naf jekk insibx nies hajjin jew bi qlub go fihom, jew nies li juru mgieba tajba imma kiesha, civilta' u edukazjoni li huma mbeghda mill-imhabba minn naha l-wahda daqs mill-mibeghda minn naha l-ohra. Ma kontx naf jekk ningibidx lejn dik id-dar fejn ghandi nqatta l-hajja ta' quddiemi u fejn ghandi nghix u

ninhela fil-qadi ta' Kristu. Hsibijiet bhal dawn ghaddew minn mohhi f'dawk il-hinijiet. Int tifhem izjed jekk tisthajjel x'effet ikollhom fuqek hsibijiet bhal dawn milli ggib quddiem ghajnejk id-dehriet li jien hawn nista nfisser.

Novembru 2.

...... Interruzzjoni. Il-belt Valletta hi mimlija hajja, nies jitkelmu u jitlajjaw minn hawn ghal hemm. Il-bierah fil-ghaxija fil-port dahal gifen tal-gwerra. Dan gie mill-Morea, wasal fil-port imfarrak u mieghu gab l-ahbar tal-battalja kbira bejn il-flotot tal-allejati u dik il-flotta Torka. Din tal-ahhar kienet meqruda ghal kollox u f'dik it-taqbida dan il-gifen garrab wisq hsara...Jien ma nafx kemm dan l-ghidud hu minnu. Izda mort inhares lejn dan il-gifen u dan stajt nara sewwa minn fuq is-swar. Deher li din il-bicca habtet haga minnha ghax l-arbli garbu hsara, tqactu u f'imkienhom tqieghdu ohrajn. Il-kaptan inqatel u biss disa' mill-bahhara baqghu bla midruba. Fi triqti lura lejn id-dar wasalt sal-barrakka. Dan l-imkien hu gnien fuq is-swar u jahbat fejn il-belt hi l-aktar gholja; hemm dawra arkati u tahthom xi bankijiet. Minn hawn dehra li bhala qajla rajt qabel tolqot il-ghajn u f'dan l-imkien jinsab il-qabar ta' Sir Thomas Maitland, monumenti u statwi ohra, fosthom ta' wiehed nobbli li ghamel gid lil poplu, Zamit. Lil hemm f' naha ohra tal-belt jinsab gnien iehor fuq is-swar, u xi gvernaturi Inglizi hawn irrangaw ghal farag u l-moghdija taz-zmien tan-nies. Jidhirli li dawn il-barrakki joqghodu u jiswew fi klima shuna bhal din. Meta ahna dhalna fil-port u rajnihom ma stajnix nifhmu x'inhuma. Ilmahnihom izjed ghojin minn xi djar u knejjes. Issa arani nitlajja hawn ghaz-ziffa

ta' fil-ghaxija, u din il-passigata tkun izjed toghgob meta jkolli lil xi hadd ma' min nitkellem. Mela, jien gejt f'din il-barrakka u sibt li n-nies ta' hawn liebsa tajjeb, u hawn jista jidhol kulhadd, ghani jew fqir. Hafna minn dawn in-nies iharsu bil-herqa lejn il-Grecja. Gifen kbir deher sa jidhol fil-port, izda jien ma bqajtx hawn biex nara x'kien. F'rokna nstabu qatta Griegi jitkelmu gegwigija bejnithom u mal-ohrajn li dawruhom. Dawn kienu ufficjali militari u maghhom kien hemm ukoll zewg ufficjali tal-bahar bit-tromba f'idejhom, u dehru xejn ferhana ghax jewwilla riedu jiehdu sehem f'dik il-battalja. Kien hemm ukoll Kavalier xwejjah ta' Malta bil-kappell ta' tliet ponot, liebes gistakor twil u ahmar, qalziet abjad u sidrija tilma fuqu. Kulhadd sellimlu bil-qima minn kull naha. Nemmen li dan hu l-Kavalier wahdani ta' dik l-Ordni famuza li baqa' hawn Malta, ghax dawk il-ftit shabu li baqghu hajjin inxterdu 'l hawn u 'l hinn mal-Ewropa, u xi uhud minnhom huma bosta ghonja. B'esempju, dak il-Kavalier xih li kien joqghod fid-dar li fiha issa jien qed nikteb jinsab fi Spanja ghax milli nifhem dan kien mill-Lingwa ta' Kastilja. Waqt li hrigt mid-dar iltqajt ma' qassis Grieg b'lehja twila, kappel kbir u suttana wiesa. Dan kellu dehra tassew tolqot. F'din il-gzira jinsabu hafna Griegi u dak ilbieshom imlewwen izejjen it-toroq ta' La Valletta. F'din il-bicca dawn huma ghal Malta bhal ma n-nisa huma ghal Ingliterra ghax hawn in-nisa jilbsu xorta wahda u kull fejn imorru f'ilbies iswed.

.

Ninsabu wisq imhasba dwar il-missjunarji taghna li qeghdin fl-artijiet tat-Torok. Stennejna minn hin ghal iehor li dawn jitilqu lil hemm u jigu f'Malta u hawn jibqghu sakemm is-sahna tal-gwerra u tal-pulitka tibred xi ftit. Izda l-ebda wiehed minnhom ma wasal hawn u ma smajnix bi hbarhom. Tarfulna li dawk li jinsabu f'Bejrut jahbtu l-aktar fit-tigrib ghax it-Torok jinsabu wisq imghadba ghall-allejati u juru mibeghda kbira lejn kull Ingliz. Qalulna wkoll li dawn il-missjunarji shabna talbu lil Mr. Canning, ambaxxatur Ingliz f'Kostantinopli, biex isibilhom

gifen u jsalpaw fuqu jew ghal inqas jghidilhom kif l-ahjar jistghu jitbieghdu minn dak it-tigrib.Dr. Korck li gejt mieghu f'Malta kien telaq lejn Smirna f'dik l-istess gimgha li wasalna hawn. Izda jien nahseb li jekk ghadu qawwi u shih ghandu jerga lura lejn Malta. Il-Maltin izjommu mal-Griegi, izda nahseb li l-gvern jista jiehu xi passi u izjed joqghod fuq il-qalb tajba tal-Maltin milli fuq il-herqa li dawn ghandhom fil-kawza tal-Grecja. Hawnhekk l-Inglizi nfushom ma humiex migjuba bil-wisq. Jekk tnehhi lil Markiz ta' Hastings dawn ma gabux lil gvernaturi li kellhom. Dan habat bniedem imsemmi u maghruf fosthom, wisq isghobbihom ghat-telfa tieghu u weghu l-fakra li hallilhom. Jien qajla nohrog naghmel dawra bla ma mmur inzur il-qabar tieghu. Minn naha tieghi jien ma nhossnix wisq imqanqal mill-kawza Griega. Izda mill-banda l-ohra lanqas ma jien biered ghal kollox. Hemm xi tghid miz-zewg nahat. Nghid biss li l-Griegi tal-qedem u dawk tal-lumm huma nies differenti ghal kollox.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

LIS-SUR BURNARD

Malta, Nov. 13, 1827.

...... Is-safar taghna kien twil u ta' strapaz, izda mhux ghal kollox bla pjacir. Nista nghid ukoll li kien joghgob, ghalkemm mhux xejn ta' ghogba ghal wiehed imdorri jghix fuq l-art iebsa meta jkun mixhut jixxejjer fil-gabina, meta s-siggu jahrablu minn idu jew meta l-platt tal-ikel quddiemu jigri 'l isfel u 'l fuq. Kelna temp tajjeb barra minn meta r-rih raqad ghal kollox jew nefah fi snienna. Biss fil-bajja

ta' Biscay sibna bahar imqalleb. Il-hin ta' kalma mhux bla gid fih ukoll, ghax f'waqtiet bhal dawn jien nikteb, naqra jew norqod ahjar minn hin iehor. Dawn huma hwejjeg tajba. Darba qbadna zewg frieken li kienu reqdin f'wicc l-ilma hiemed u ghalhekk f'dak il-jum ghamilna soppa tal-fekruna u din setghat titqieghed fuq mejda ta' sultan.

...... Irrid nizzihajr 'l Alla ghax Hu ried li jien nibqa fil-qadi tas-socjeta'.

......In-nies ta' din il-gzira huma mimlija bil-herqa, izda dawn jinsabu fil-ghelt u mhux fis-sewwa, fid-dlam u mhux fid-dawl. Il-herqa taghhom hi dik li harqet lil Cranmer, lil Latimer, lil Ridleys u lil Philpot. Din ukoll ghad tista tahraq lilna u li kieku n-nies ta' hawn kellhom is-setgha. Il-qaghda bhal issa tahbat hekk: kieku kelli nohrog fit-toroq bhal fl-Ingliterra biex inqassam qabda trattati, u kieku hawn kelli naghmel dan ghal tliet ijiem wara xulxin, iktarx li joqtluni fit-tmiem tas-seba' jum. Jew jekk in-nies ma taghdabx sa tiggennen u din tixlini quddiem il-gvernatur, dan malajr jitturufnani, u jibghatni 'l boghod minn din il-gzira. Il-qassisin Kattolici jghassu fuq kull caqlieqa li naghmlu. Dawn jobghoduna mill-qiegh ta' qlubhom. L-isqof ikun imgharraf b'kull trattat li niktbu u nqassmu. Il-gvern jibza' li joqros lil Maltin mghomija fil-pregudizju. Dan jisma' malajr kull ilment taghhom ghalkemm ikun ckejken u sahansitra tac-cajt. Tassew, sa issa l-parlament sema' minnhom u ma hallinix nistampaw trattati biex jitqassmu fil-gzira. Ghalhekk dak kollu li nqassmu hawn ingibuh minn Londra. Jien baghat f'Londra biex jibghatuli xi trattati halli nqassamhom hawn ghax inhossu dmir tieghi li ghandi nqassam id-dawl f'kull mod legali. Dan bi hsiebni naghmel bil-ghaqal u b'seba' ghajnejn. Mill-bqija jaghmel il-Mulej ghax Hu jmexxi kollox. Il-gvern tal-gzira mal-Kattolici jmur bl-artab u dan kif

ghandu jkun. Izda ahna li nigu mill-art u mir-religjon tal-gvernaturi ma ahnix migjuba daqs haddiehor. Il-gvern igibna biss filli jhares lil hajjitna u l-proprijeta' taghna. U dan ghamel kemm il-darba ghax is-suldati ngiebu biex iharsuna mill-poplu mghaddab u l-ghases tqieghdu quddiem id-djar ta' missjunarji differenti. Il-missjunarju taghna, is-sur Keeling, darba kellu jahrab minn daru ghax din iddawret mill-karfa Maltija bosta mghadba. Dawk imxewxa ngemghu darbtejn quddiem id-dar ta' dan, u kull darba s-suldati gerxuhom lil hemm. Iqisu li mal-mitejn ruh ingemghu hawn. Dawn xehtu gebel u kissru kemm zgieg kien hemm fit-twieqi, waqt li riedu jisfrundaw il-bibien gewwa. Wiehed suldat kien milqut b'daqqa ta' gebla. Izda s-sur Keeling u martu ma garbux hsara. Dan gara fl-1825. Jahsbu li sehhet din il-bicca ghax ftit jiem qabel wiehed qassis Kattoliku qal xi kliem kontra l-Metodisiti u sejhilhom bl-isem jahraq ta' Mazuni. Milli jidher in-nies ta' hawn iqisu bhala Mazuni lil missjunarji protestanti kollha, ukoll lilna. Is-socjeta' tieghek ma ghandix stamperija hawn; izda dawk li ghandhom hawn wahda jaqblilhom jekk iqisu dan l-imkien bhala centru li minnu jilhqu l-artijiet ta' madwar, milli mkien fejn jistghu ixerdu t-taghlim taghhom.

LIR-REV. JOSEPH MARSH

Malta, Nov. 28, 1827.

......Bhal issa sahti mhix tajba bhal ma kienet. M'inix marid u lanqas nista nghid li jien inhossni hazin; izda hemm nofs bejn is-sahha u l-mard, u jien ninsab hawn. Ghalhekk nghid li jien ma nhossnix b'sahti ghal kollox. Ukoll, l-ispirtu tieghi mhux imwiezen tajjeb bejn il-ferh u d-dwejjaq bhal ma kien. Inhossni mdejjaq izjed u ghal hin itwal, kif ukoll ghajjien, imbezza, fqir, u bla hajra. Inhossni hekk izjed sikwit minn kif hassejtni qabel.

Jewwilla dan kollu gej minn kawza barra minni. Int ghandek tqis il-bicca hekk. Izda nizzihajr 'l Alla ghax inhossni biss f'intervalli, ghalkemm dan l-ahhar id-dwejjaq hakmuni ghal kollox. Nerga nghid dan jigri f'intervalli... Fil-qasir, ja habib, l-ispirtu tieghi hu dan: minn daqqiet inhossni hekk imbezza li rrid nidhol nidgezez go toqba ta' gurdien. Daqqiet ohra Alla jigi jzurni bil-farag tieghu. Hu jigi u jmur biex jghallimni u jurini kemm jien nahbat dghajjef u hekk inroddlu t-tifhir li jisthoqqlu.

Jewwilla int trid taf izjed dwari minn dak li ghidtlek. Ma hemmx ghalfejn noqghod inraqqaq. Izda int oqghod fis-sehh li hawn joghgobni daqs kieku kont fl-Indja, fic-Cina jew fil-Persja. Fis-sur Jowett u ohrajn sibt hbieb tal-qalb u ghandi wisq x'naghmel: inqisni li hawn jien mehtieg. Xi hin hieles tieghi nghaddih filli nitghallem l-Gharbi. Izda billi f'dan ma nistax nahli hafna hin, billi l-Gharbi hu lsien tqil, u billi ma nistx insib min jghallimhuli hlief xi Gharbi ta' Malta, ma jkunx li nimxi bosta 'l quddiem f'din il-haga. Izda kull ftit li nitghallem ikun ta' siwi ghalija billi taht idejja ghandi fl-ufficcju tal-istamperija d-dipartiment kollu tal-Gharbi.

Il-bierah lis-sur Schlienz waslitlu ittra minn ghand Dr. Korck. Din hi l-ewwel darba li dan kiteb minn meta nfired minna xi erba' jew hames xhur ilu. Jien ghadni ma rajtx din l-ittra ghax is-sur Schlienz ghadu ma qalibihix mill-Germaniz ghal Ingliz. Milli jidher malli dan wasal fi Smirna sab id-dinja mhawda u mqalba. Haseb li jaqbillu jekk jerga lura lejn Malta. Izda rega hasibha u dehrlu li jaqbillu jekk jibqa hemm. Ma jhossux fih. Jemmen li l-mewt waslet fuqu f'daqqa. Bhala tabib dan jaf f'hiex jinsab, izda nitma li f'din il-haga

hu sejjer imqarraq. Xi xhur ilu sirt naf li hu ragel mhux f'sahtu u qrib il-mewt. Ukoll, il-bierah is-sur Temple sar jaf bil-mewt tar-Rev. Elnathan Gridley, wiehed mill-missjunarji taghna Amerikani fl-Asja tal-Punent. Nemmen li nstab f'Cesareja meta miet. Ha rih qawwi u qabdu d-deni. Ma riedx jinfarag u miet. Dan kien ordnat fl-Amerka mhux wisq ilu minn sentejn. Haga tal-ghageb kif il-missjunarji jmutu f'daqqa u bla kawza cara!...

LIL GEORGE HARVEY, ESQ.

Malta, Dic. 4, 1827.

......Nahseb li int ga sirt taf dwar il-vjagg u l-wasla tieghi hawn miz-zewg ittri li jien baghat qabel fi Plymouth. F'dan l-imkien ma nsib xejn mahsub minn qabel li jista jatini ghogba u farag. Irqadt fl-art ghal hafna gimghat u kellu jghaddi bosta zmien qabel ksibt siggu u mejda. F' dan kollu xejn ma nhabbel mohhi u nqis li wiehed missjunarju ma ghandux isib il-kumdita'. Nitma li issa tghallimt kif ghandi nkun bniedem li jistabar fin-nuqqas. U hekk issa xejn ma nithawwad meta ma nsibx xi hwejjeg ta' htiega. Izda wara li gejna noqghodu f'din id-dar xi affarijiet bdew jingemghu dwari bil-qajla, u issa nahseb li ghandi bizzejjed minn dawn b'kemm wiehed ghazeb bhali jehtieg u jixtieq. Dawn l-affarijiet ghal wiehed imdorri fil-konfort tal-Ingliterra jistghu jidhru hwejjeg fqar, izda mhux lili u ghal wiehed fil-qaghda tieghi. Din id-dar hi ahjar mill-ghamara fiha. Hawn ghandi zewg kmamar tajba, studju u kamra fejn norqod. Dawn tista ssejhilhom appartament, u nixtieq li nibqa nghix hawn meta nizzewweg.

Nitma li sa dan iz-zmien hawn ikun mghammar ahjar ghal wiehed tal-qaghda tieghi, imrobbi kif kont imrobbi. Bhal issa l-ahjar haga f'dawn il-kmamar hi bicca ghamara li fiha xkafef ghal kotba. Hawn tinsab l-ahjar gabra ta' kotba li sa issa qatt kelli. Il-bicca l-kbira minn dawn huma tieghi, ghax ghat-tjubija tal-ghaziz sur Groves, habib u benefattur, jien xtrajt hafna kotba minn dawk li bieghet lil istudenti u s-socjeta' tatni ohrajn, kif ukoll xi hbieb, bhala rigal qabel jien tlaqt 'l hemm mill-Ingliterra. Dawn il-kotba ksibthom bicca mill-librerija taghna u bicci minn dawk li kellu r-Rev. John Harley li bhal issa jinsab fil-Grecja. Fil-qari ta' dawn il-kotba, fl-istudju tal-ilsien Gharbi li jien bdejt minn rajja, u fil-kitba tal-ittri lil hbieb jien inqatta s-sieghat battala tieghi fil-ferh u nitma mhux bla frott ukoll. Tassew, hafna mill-hsibijiet tieghi ghadhom fl-Ingliterra ghax hawn hallejt wisq li hu ghaziz ghalija. Izda minn naha l-ohra ghandi tama li ma ndumx ma ninghaqad ma' dik il-mara li l-aktar haga ghaziza ghalija u ta' l-akbar siwi. Il-firda minnha ggibli wisq tbatija u din tixhetni 'l isfel.

Bhal issa l-hidma tieghi hawn hi biss dik tal-idejn, u dan sakemm il-gmiel tal-kompsizjoni Gharbija jista jitqies bhala xoghol tal-idejn. Hekk ukoll titqies il-hidma tal-koadjatur tieghi fl-istamperija. Ix-xoghol fid-dipartiment letterarju jaghmluh skrivani missjunarji jew tradutturi li iktarx huma mwielda f'dawk l-artijiet li jitkelmu bl-ilsien li jittraducu fih. Issa, fl-istamperija jien ghandi d-dipartiment tal-Gharbi ghalija wahdi. Is-sur Jowett hu l-koadjatur tieghi. Jien u hu ahna l-wahdanin f'Malta li nistghu nahdmu bil-karattri Gharbin. Tassew, l-istamperija taghna hi dik il-wahdanija ta' din ix-xehta fil-gzira. Hawn hemm tliet presess: l-ewwel wahda hi Kolumbjana, it-tieni wahda hi tal-hadid imma izghar, u t-tielet wahda hi tal-imjam izda ma tithaddimx. Ix-xoghol taghna jsir fil-Gharbi, fil-Grieg, fil-Malti u fit-

Taljan. Barra s-sur Koellner u jien hemm zewg Maltin ohra u zewg Anglo-Maltin jahdmu fl-ufficjju. Meta nghid Anglo-Maltin nifhem ulied ta' Inglizi li twieldu f'Malta. Ix-xoghol tieghi fl-ufficcju jibda mis-seba' u nofs ta' fil-ghodu u jibqa sejjer sal-erba' u nofs ta' wara nofs in-nhar. Ikun hemm xi waqfien ghal kolazzjon u l-ikel. Il-bqija tal-hin hu tieghi u dan nghaddih kif ga ghidtlek. Ukoll, hadt drawwa naghmel mixja dwar is-swar tal-belt, dawk ta' barra u dawk ta' gewwa......

Il-korp missjunarju taghna fih sitt ( 6 ) membri u t-tfal mhux maghduda. Ahna lkoll nghixu f'dar wahda, hlief is-sinjura Andrews li tghix f'dar ghaliha u hawn taht il-harsien taghha ghandha d-dipartiment tal-legatura. Ahna lkoll ghandna wisq x'naghmlu u kulhadd jaf sewwa dak li jmissu jaghmel u ghaliex ghandu jaghmel dan. Ghalkemm jien nahdem iebes bizzejjed f'din il-klima, nahseb li jien ma nahdimx l-aktar bl-iebes fost shabi. Nemmen li s-sur Schlienz jistinka wisq l-izjed minnha l-istampaturi. Dan jahdem fuq l-Gnarbi, il-Malti u t-Taljan bil-lejl u bin-nhar, minn kmieni sal-imwahhar, jitghallem, jittraduci u jikkoregi; barra minn dan ma jonqosx li jmur jippritka tista tghid darba kull nhar ta' Hadd u hafna drabi darbtejn ukoll, ghax is-socjeta' missjunarja ghandha zewg kappelli, wahda fil-belt Valletta u l-ohra f'Bormla, fin-naha l-ohra tal-port. Is-sur Jowett ukoll jinsab imhabbat u dan ghandu bicca kbira tax-xoghol taghna f'idejh u jien ma nistax nisthajjel xoghol u hidma ikbar minn tieghu. Dan figura publika u hu maghruf hekk fl-Ingliterra. Nahseb li int ga smajt bih kemm il-darba f'xi mod jew iehor. Barra milli hu maghruf ghal hila tieghu hu kittieb maghruf ukoll. F'sena wahda zewg edizzjonijiet kbar tal-ahhar xoghol tieghu kienu stampati, u jien rajt ukoll edizjoni Amerikana ta' dawn ix-xogholijiet. F'dan il-bniedem jien nara talent shih, kisbiet klassici u qawwa kbira tal-mohh. Ghalhekk dan igib ferh f'dawk kollha li jkollhom x'jaqsmu mieghu......

skola bhal din. Ghalhekk dawn johduha ma' kull edukazjoni ghax f'din l-iskola ma hemm xejn li hu Protestant. Madankollu l-qassisin Kattolici jibqghu siekta u jaghmlu l-bsaten firroti. Dawn ma jitkelmux fil-berah ghax jafu li din l-iskola hi mwiezna mill-gvern u l-gvernatur innifsu. Imma kieku jridu dawn jeqirdu din l-iskola f'jum, ghax jistghu jghidu lil genituri biex dawn ma jibghatux lil uliedhom hawn, u fis-sehh li dawn ma jiksrux ix-xewqa taghhom. Ga ghamlu dan qabel. Il-mejjet Markiz ta' Hastings u s-sinjura tieghu kienu hbieb ta' dawn l-iskejjel u kemm il-darba hadu sehem fil-laqghat li jsiru hawn kull sena.

Is-socjeta' taghna ghandha librerija sabiha u msawra mill-kotba tas-sur Jowett u dawk tas-socjeta' missjunarja. Nahseb li hawn jinsabu dwar elfejn ktieb u b'dawn nista ninqeda kif u xhin irrid. Sahanstira nista nohodhom fl-ufficcju tieghi. Huma kotba maghzula. Fosthom hemm l-Enciklopedija Brittanika, Trattati Filosofici qosra f'sittax il-volum, Annali tal-Filosofija, sett komplit u hawn tinsab xi kitba tieghi ukoll, Storja Universali Qadima u Moderna f'hamsin volum, u xogholijiet ohra ta' htiega l-aktar Tejologici u studji tal-Kotba Imqaddsa. Hawn jinsabu ukoll xi manuskritti orjentali ta' siwi u mportanza. Fost dawn hemm kopja tal-Qoran miktuba sabih u mzejna b'ittri tad-deheb u hafna lwien. Bhal dan il-manuskritt ghadni qatt ma rajt......

LIR-REV. J. MARSH

Malta, 20 ta' Mejju, 1828.

......Ix-xogholijiet ta' stampar li johorgu mill-istamperija

taghna huma mxerda fl-Egittu, fl-Arabja, fi Spanja, fil-Grecja u f'hafna mkejjen ohra. L-ahhar xoghol taghna kien ktieb bl-Gharbi tal-ispellar. Bhal issa qed nistampaw kummentarju dwar il-Parabbli. Is-sur Schlienz qed ihejji gabra ta' qwiel Gharbin b'kummenti u illustrazzjonijiet Biblici. Warajh sa nohorgu l-Pligrim Progress ta' Bunyan migjub fil-Gharbi minn wiehed qassis f'Gerusalem imqabbad minn Jowett. Dawn il-kotba huma kollha bil-Gharbi......

......Nahseb li jien ghidtlek li l-qassisin Kattolici u l-poplu huma wisq ghajjura ghalina l-missjunarji. U ghalkemm ahna ghandna permess biex inqassmu hawn trattati stampati u migjuba mill-Ingliterra, dan il-permess ma jiswa ghal xejn. Kelna edizjoni tal-Vangelu ta' San Gwann stampata f'Londra, kolonna wahda bit-Taljan u l-ohra quddiemha bil-Malti. Meta l-Maltin saru jafu b'dan qajmu ghagha kbir. L-arcisqof tal-gzira malajr tqanqal u kkundanna dan il-ktieb biex ma jkunx imqassam fost il-poplu. Ghalhekk issa dak ix-xoghol kollu baqa' f'wiccna u l-ktieb f'idejna...Jien inhalli 'l hemm u 'l hawn hafna trattati bit-Taljan, izda qajla nazzarda nati wiehed minnhom b'idejja.............................................
..........................................................................

Sa hawn ingibu mis-siltiet tal-ittri ta' Kitto miktuba minn Malta. Dan kellu jinfired mill-istamperija tas-sur Watts ghax dawk shabu missjunarji dehrilhom li dan kien mixhut ghal letteratura u mhux ghal missjoni. Ghall-ewwel dahal ghalih is-sur Groves u tkellem mas-superjuri ta' din is-socjeta'. Dawn wara flewh izjed bir-reqqa. Izda kien ta' xejn. Dan qabel gie f'Malta kien wieghed li ghandu jwarrab kull kitba letterarja. Ma zammx kelmtu. Is-sur Jowett gharfu li minn kif qatta l-hin hin hieles tieghu, ma kienx zamm dik il-kelma li ta. Habibu u

l-koadjatur tieghu , is-sur Schlienz, kiteb: Waqt il-hin tax-xoghol dejjem instab fuq hidmietu. Izda wara ta ghal qari u dam sakemm ghamel il-hin sewwa...Ahna ma stajnix ninqdew bis-setghat mentali tieghu billi ma kienx jaf sewwa b'ilsna ghariba u fl-istamperija taghna ghadna ma bdejnix nistampaw bl-Ingliz.

Kitto telaq minn Malta fit-12 ta' Jannar, 1829 fuq il-gifen Marija mmexxi mill-kaptan Tregarthen. Fl-Ingliterra kien habib tas-sur Groves u wara ftit taz-zmien dawn marru jzuru l-artijiet imqaddsa, u Kitto hekk seta jikteb wisq sabih fuq il-kotba mqaddsa.

Ahna li ttajpjajna dawn il-ftit pagni li gibna fil-Malti nistqarru li biss hadna siltiet li jmissu direttament jew indirettament l-istamperija tal-Protestanti f'Malta. F'dawn l-ittri jinsabu hafna taghrifiet ohra dwar il-folklore u d-drawwiet Maltin. Min irid jaqra dawn l-ittri kollha fl-original ghandu jfittex jikseb:

MEMOIRS of JOHN KITTO, D.D., F.S.A., author of " Daily Bible Illustrations," and editor of " The Cyclopedia of Biblical Literature," ect.
COMPILED chiefly from his letters and journals
BY
J.E. RYLAND, M.A.
With a critical estimate of Dr. Kitto's life and writings BY
PROF. EADIE, D.D., L.L.D., Glasgow
In two volumes.
New York. Robert Carter & Bro. Broadway 530.
1856.

LISTA

Din hi lista ta' stamperiji privati li twaqfu f'Malta wara dik tal-Missjoni Missjunarja Protestanta, u din hi migbura mill-librerija tat-tradduttur ta' dawn l-ittri ta' Kitto, li fiha tigbor eluf ta' kotba Maltin. Hawn insibu l-isem tal-istamperija u xi sena li fiha kienet tahdem.

Tipografia G. Grech. 1847.
Tipografia F. Cumbo. 1847.
Tipografia Sociale, Sda. Forni, Valletta. 1853.
Tipografia Anglo Maltese. 1858.
Tipografia Laferla. 1862.
Tipografia Trapani. 1863.
Tipografia Fratelli Bonello. 1864.
Tipografia Giuseppe Micallef. 1868.
Tipografia Giovanni Muscat, Pieta. 1880.
Stamperia Don M. Ang. Grech, Gozo. 1888.
Carmenu Busuttil, Sda. Forni No. 133, 1889.
Wenzu Busuttil, Sda. Forni No. 34. 1890.
Malta. Sda. San Paolo. V. Abela. 1895.
Malta. Sda. Zecca, No. 36. C. Scotto. 1895.
Stamperija Fenech, Triq l-Imsida, B'Kara. 1899.
Tipografia Mifsud, 62, Sda. Sant' Ursola. 1900.
St. Joseph Press, Hamrun. 1900.
Fratelli Mizzi, 164, Sda. Forni. 1900.
Guliermo Cumbo, Sda. Sant' Ursola. 1902.
Carlu Cachia, Sda. Due Porte, Senglea. 1911.
Tipografia Nazionale Malta. 1912.
Stameria Melita, Sda. Santa Lucia. Arturo Caruana. 1913.
Stamperia Lombardi. Sda. Santa Maria, Sliema. 1912.
Stamperia Cuore di Gesu. 16, Sda. Mercanti. 1923.
Stamperia San Paolo, Sda. Santa Lucia. 1926.
Stamperia San Giorgio, Curmi. 1932.
Progress Press. 1935.

Empire Press, Sda. San Paolo. 1937.
Lux Press. Hamrun. 1945.
Union Press. 1958.
Seraphic Press. 1962.
Malta University Press. 1968.
Stamperija, Il-Hajja. 1970.
Veritas Press. Zabbar. 1968.
Orphan Press. Ghajn Sielem, Gozo. 1970.
St. Paul's Press. 1972.